# Beati u Qaddisin...Jannar

18 ta' Jannar

Beata Cristina Ciccarelli minn Aquila

Kien jisimha Mattia Ciccarelli, twieldet gewwa Colle di Lucoli (Aquila) fl-24 ta' Frar 1480, missierha kien jismu Domenico u ommha Marija. Kienet l-ahhar minn sitt ulied. Sa minn eta zghira, fiha kienet tidher l-ubbidjenza, l-umilta' u s-safa. B'imhabba kbira hija kienet tirtira f'rokna fid-dar



taghha u quddiem ix-xbiha ta' Marija Ssma taht it-titolu tal-Hniena kienet titlob b'imhabba kbira ghall- hin twil. Mat-talb kienet tghaqqad il-penitenza u sawn rigoruz. Ta' hdax-il sena diga kellha direttur spiritwali li mieghu fdat ix-xewqa kbira li kellha biex tikkonsagra hajjitha billi tidhol religjuza. Hekk qaghattet ghal 25 sena hajjitha sa ma fl-ahhar fis-sena 1505 dahlet taghmel parti mill-kongregazzjoni ta' l-Agostinjani gewwa S Lucia fejn hadet l-isem ta' Swor Cristina.

Il-hajja tajba u virtuza li kienet tghix, wriet lil ahwa sorijiet li maghhom kellhom tghix qaddisa. Ghazluha biex tkun is-superjura taghhom u tmexxihom fil-trieq tal-qdusija, kariga li ghaliha giet eletta kemm il-darba. Hafna nies, kemm gholja kif ukoll ta' klassi baxxa kienu jzurha biex jitolbuha l-parir taghha ghall-problemi taghhom. Alla zejjinha bil-kapacita' li taghmel il-mirakli.

Kien ikollha diversi estasi, fosthom baqghet maghrufa ghal estasi li sehh fil-festa ta' Corpus Dommini meta sabuha merfugha 'l fuq mill-art u fuq sidirha kellha Ostja Mqaddsa mizmuma gewwa pissidi tirrisplendi dawl kbir. F'estasi iehor li sehh fil-jum tal-gimgha l-kbira u baqa' sejjer sa l-

ghada, li matulu Swor Cristina stqarret li garrbet parti mit-tbatijiet tal-Mulej.

Milquta mill-mard li dghajfilha sahhitha sa ma hadha lejn tmiem il-hajja, hija raddet ruhha lil Alla fit-18 ta' Jannar 1543. Il-fdalijiet taghha jinsabu fil-monasteru ta' S. Amico wara li dak ta' S Lucia gie maghluq fit-12 ta' Ottubru 1908. Kien Girgor XVI li fis-sena 1841 ikkonferma solenniment il-kult lejha.